MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2013

Appell Civili Numru. 1895/2000/1

**San Andrea School**

**v.**

**David u Mary konjugi Mallia**

## Preliminari

**1.** Dan huwa appell principali maghmul mill-konvenuti, u appell incidentali maghmul mill-Iskola, minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Jannar 2010 li permezz taghha ddecidiet il-kaz billi:

"… … tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ħlief kif se jingħad, u tilqa' t-talbiet kollha attriċi u dan billi

tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-iskola attriċi s-somma ta' tliet elef, tliet mija u sebgħa u erbgħin lira Maltin u tnejn u ħamsin ċenteżmu (Lm3,347. 52) - (Lm5,225.32 nieqes Lm1,877.80 għar-raguni ġia' msemmija) ossija sebat elef, seba' mija u sebgħa u disgħin Ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€7,797.62) a bażi tat-tieni u t-tielet talba; is-somma ta' ħamest elef liri Maltin (Lm5,000) jew ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) fir-rigward tar-raba' talba, u elf lira Maltin (Lm1,000) jew elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) rigward il-ħames talba; bl-imgħaxijiet kif mitluba;

"L-ispejjeż tal-kawża *eccetto* dawk ġia' deċiżi bis-sentenza tas-7 ta' Novembru 2005 huma kwantu għal kwint mill-iskola attriċi u l-kumplament erba' kwinti mill-konvenuti."[1]

**Il-Fatti**

**2.** Il-fatti relevanti huma dawn.

**3.** Illi bi skrittura datata 3 ta' Frar 1997, il-partijiet emendaw il-ftehim taghhom inkorporat fl-iskrittura tas-16 ta' Ottubru 1995 li kien jifforma l-meritu ta' kawza konnessa ma' dik odjerna u li ggib in-numru 1894/00 fl-ismijiet **San Andrea School v. Giuseppe Chetcuti et**, deciza llum.

**4.** L-emendi effettwati bit-tieni ftehim u li huma relevanti ghall-kaz odjern huma dawk taht il-klawsoli 1, 4, 5, 6 u 9.

**5.** L-emenda fil-klawsola numru 1, tirriferi ghall-klawsola C [i] tal-ftehim precedenti, u tikkoncerna d-data li fiha kellu jitlesta r-razzett, fi stat *"shell",* u li minnha kellha tibda tiddekorri l-penali, fin-nuqqas. Id-data pattwita hija dik tat-8 ta' Gunju 1997.

**6.** L-emendi fil-klawsoli numri 4, 5 u 6, jikkoncernaw xoghol gdid li kellu jsir mill-Iskola attrici, a spejjez tal-

[1] Sottolinear ta' din il-Qorti

konvenuti. Dawn ix-xoghlijiet jikkonsistu fl-awment fil-fond tal-bir, il-kostruzzjoni ta' bir iehor adjacenti, u l-kostruzzjoni ta' fossa.

**7.** L-emendi fil-klawsola numru 9 jikkoncernaw l-awment fl-ispiza tal-kostruzzjoni tar-razzett, rizultat ta' struzzjonijiet moghtija mill-MEPA waqt il-process ta' evalwazzjoni. Fir-rigward gie miftiehem li l-ispiza kellha tinqasam bejn il-partijiet, u li s-sehem dovut mill-konvenuti kien ta' hamest elef lira antika (Lm5,000), inkluzi l-interessi, li kellhom jithallsu fuq perjodu ta' hames (5) snin mill-hrug tal-kont finali tal-Perit Victor Torpiano, u cioe` l-ewwel elf lira antika (Lm1,000) dovuti wara sentejn, elf lira antika (Lm1,000) ohra dovuti wara tliet snin, elf u hames mitt lira antika (Lm1,500) dovuti wara erba' snin u l-ahhar elf u hames mitt lira antika (Lm1,500) dovuti wara hames snin - dejjem mid-data tal-hrug tal-kont finali.

**8.** Mill-provi jirrizulta li l-kejl mill-Perit Torpiano sar fit-30 ta' Novembru 1997, u l-kont inhareg fis-16 ta' Jannar 1998.

**Is-Sentenza Appellata**

**9.** L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi kif jidher mill-att taċ-ċitazzjoni din l-azzjoni hija bbażata fuq l-iskrittura li saret fl-1995 u oħra li saret f-1997 bejn il-partijiet. Skond dan il-ftehim kellhom isiru xi xogħlijiet fir-razzett tal-konvenuti li kellhom jitħallsu mill-iskola attriċi, u sar ukoll self da parti tal-iskola attriċi lill-konvenuti. L-iskola attriċi issa qed titlob r-restituzjoni tas-self u l-ħlas tal-ispejjeż li kienu saru. Dan kollhu sar għaliex l-iskola ħadet biċċa art li kienet tinħadem mill-konvenuti.

"Illi dawn qed jeċċepixxu li l-azzjoni hija intempestiva għaliex il-perit Torpiano ma ħariġx kont dettaljat, ix-xogħol ma sarx skond l-arti u s-sengħa u billi kien hemm dewmien l-iskola attriċi għandha tħallas somma akbar lill-konvenuti stess.

"Illi l-Qorti jidhrilha li ċerti eċċezzjonijiet huma kontradittorji mill-*punto di vista* legali. Fl-istess waqt li l-konvenuti qed jgħidu li ma għandhom jagħtu xejn, qed jeċċepixxu t-tpaċija għaliex qed jgħidu li kien hemm dewmien u għalhekk hija dovuta l-penali. Kif qalet il-Qorti fi-sentenza fl-ismijet **"Spiteri vs Vella"** (Prim' Awla 7 ta' Mejju 1993) l-eċċezzjoni tat-tpaċija fiha nnifisha tammonta għal ammissjoni tad-debitur li dan id-debitu huwa dovut imma ma għandux jitħallas għax hu paċut minn ammont ieħor dovut mill-kreditur. Għalhekk l-eċċezzjonijiet l-oħra *oltre* t-tpaċija ma humiex kompatibbli ma' din l-eċċezzjoni. F'kull każ il-Qorti hija sodisfatta li l-kont preżentat mill-iskola attriċi u redatt mill-perit tagħhom huwa preċiż biżżejjed għall-finijet tal-kawża (fol 102).

"Illi fir-rigward tax-xogħol illi ma sarx skond l-arti u s-sengħa, għalkemm il-konvenuti semmew diversi kwistjonijiet, il-Qorti ma tħossx lanqas li dawn huma kollha rilevanti għall-kawża. Dan għaliex skond l-affidavit tal-konvenuta stess, huma qed jirreklamaw rifużjonijiet għal spejjeż biex jiddaħħal id-dawl u l-ilma fil-garaxxijiet li ma humiex rilevanti għaliex l-iskola qed titlob il-ħlas tagħha bħala appaltatriċi u bħala dik li sellfet il-flus. Bħala appaltatriċi huma għalhekk rilevanti l-eċċezjonijiet rigwardanti l-eżekuzzjoni tal-appalt. Il-fatt li l-konvenuti ħallsu biex jiġi stallat id-dawl u l-ilma fil-proprjeta' tagħhom ma għandhux x'jaqsam *ut sic* ma' dan. Fejn għandhom raġun huwa fir-rigward tal-fatt mhux kontradett, li l-kuntrattur imqabbad mill-iskola, qabad u ħa ħamrija mill-art in kwistjoni biex użaha għal fuq lant ieħor (li tiswa ċirka elf, tmien mija u sebgħa u sebgħin lira Maltin u tmenin ċenteżmu (Lm1,877.80). Dan l-ammont għandu jitnaqqas mill-ammont mitlub għaliex jirrigwardja l-istess eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' appalt li għalih l-iskola daħlet responsabbli fl-iskrittura stess.

"Illi jibqa' għalhekk l-eċċezzjoni tat-tpaċijia fir-rigward tal-ammonti li qed jirreklamaw il-konvenuti għall-penali għad-dewmien. Hawnhekk wieħed irid ifakkar illi l-artikolu 1197 tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi li t-tpaċija tista' issir biss bejn żewġt idjun li jkollhom bħala oġġett tagħhom somma flus u li jkunu t-tnejn likwidi u jistgħu jintalbu. (**"Spiteri vs**

**Vella"**, *supra*). Għalhekk f'dan il-każ il-penali għad-dewmien ma jistgħux jiġu eċċepiti bħala tpaċija għaliex ma kienux likwidi meta bdiet il-kawża u ebda somma preċiża ma ġiet eċċepita fl-eċċezzjonijet. Għalkemm imbagħad il-konvenuti ressqu provi dwar xi spejjeż li għamlu biex l-affarijiet ġew irranġati, dawn la huma eċċepiti u lanqas ma kienu likwidi f'dan iż-żmien. Dan naturalment salv kull azzjoni oħra spettanti lill-konvenuti."

**<u>L-Appell Principali</u>**

**10.** Il-konvenuti sejjsu dan l-appell bazikament fuq zewg aggravji: [1] li d-decizjoni tal-ewwel Qorti li tordna l-hlas tas-somma ta' hamest elef lira antika (Lm5,000) hija *extra-petita*, ghax manifestament tohrog mill-parametri ta' dak mitlub mill-Iskola attrici; [2] li l-ewwel Qorti kellha taghmel tpacija ta' dak dovut lill-iskola mal-ispejjez tax-xoghlijiet rimedjali li l-konvenuti kienu kostretti li jaghmlu, mal-ispejjez ghall-istallazzjoni tas-servizzi utilitarji, mas-somma ta' mitejn u hamsa u sittin liri antiki (Lm265) dovuta lilhom skont il-ftehim tat-3 ta' Frar 1997, u tal-penali dovuti peress li r-razzett ma tlesthiex fil-gurnata miftehma, u cioe` sat-8 Gunju 1997.

**11.** Ghalhekk huma talbu lil din il-Qorti billi, filwaqt li tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti fejn *"cahdet"* l-ewwel talba tal-attur, thassarha fejn laqghet it-tieni talba tal-attur u cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u minnflok, tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tichad it-tieni talba tal-attur, bl-ispejjez taz-zewg istanzi.

**12.** Min-naha taghha l-attrici qed titlob li, ghar-ragunijiet moghtija minnha fir-risposta taghha, din il-Qorti, filwaqt li tilqa' l-ewwel aggravju [konsistenti f'zewg partijiet] tal-konvenuti, tichad it-tieni aggravju bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenuti.

*L-ewwel aggravju*

**13.** Dan l-aggravju hu maqsum f'zewg partijiet:

**14.** L-ewwel parti tal-aggravju taghhom il-konvenuti jghidu:

"… … li l-Ewwel Qorti fil-precitata sentenza taghha ddecidiet kwistjonijiet ta' natura extra petita in vista tal-fatt illi fl-ewwel lok l-ammont ta' LM1,000, li l-appellanti gew ikkundannati sabiex iahllsu fil-hames talba, jifformaw parti mill-ammont ta' LM5,000 indikati fir-raba' talba, u ghalhekk spiccaw biex il-konvenuti appellanti gew ikkundannati darbtejn sabiex ihallsu l-imsemmija cifra ta' LM1,000."

**15.** L-attrici qed taqbel ma' dan l-aggravju limitatament fis-sens li, skont il-hames talba, l-ewwel Qorti kienet mitluba biss li taghmel dikjarazzjoni li l-konvenuti huma debituri fl-ammont ta' hamest elef lira antika (Lm5,000) bl-ewwel pagament ta' elf lira antika (Lm1,000) kien diga` skada.

**16.** Izzid issostni li dan kien zball li seta' gie rettifikat in bazi ghall-Artikolu 825 tal-Kap. 12 u ma kienx hemm bzonn ta' appell f'dan ir-rigward. Ghalhekk m'ghandhiex tbati spejjez.

**17.** Illi r-raba' u l-hames talbiet attrici jaqraw hekk:
"[4] tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri tal-atturi fis-somma ta' hamest-elef lira Maltin [LM5,000], skond l-artikolu 9 tal-ftehim tat-3 ta' Frar 1997, liema somma ghandha tithallas fuq medda ta' hames snin minn meta jinharet il-kont finali, u tiddikjara illi t-terminu ghall-hlas tal-ewwel pagament ammontanti ghall-elf lira Maltin [LM1,000] skada;

"[5] tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' elf lira lill-atturi dejjem abbazi tal-imsemmi ftehim – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi."[2]

**18.** Fir-rigward din il-Qorti ma tarax li ghandha xejn x'izzid ma' dak li qalu l-partijiet, stante li jirrizulta car li r-

[2] Sottolinear tal-Qorti

raba' talba hija talba ghal dikjarazzjoni tad-debitu, filwaqt li l-hames talba hija diretta sabiex tinkiseb ordni ghal-hlas tas-somma ta' elf lira antika (Lm1,000) li hija l-ewwel skadenza tal-pagament mis-somma ta' hamest elef lira antiki (Lm5,000), kif fuq spjegat.

**19.** Ghalhekk din il-parti ta' dan l-aggravju hija fondata.

**20.** Fit-tieni parti tal-aggravju taghhom, il-konvenuti jghidu li l-ewwel Qorti:

"... … qatt ma setghet tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' LM5,000 indikati fir-raba' talba peress li minn ezami semplici tal-istess talba jigi notat illi l-atturi qed jitolbu haga kompletament differenti, u cioe' li l-konvenuti jigu dikjarati li huma 'debituri tal-atturi fis-somma ta' LM5,000, skond l-artikolu 9 tal-ftehim tat-3 ta' Frar 1997 liema somma ghandha **tithallas fuq medda ta' hames snin minn meta jinhareg il-kont finali**.

"Tant hu hekk li l-ammont ta' LM4,000 [LM5,000 nieqsin LM1,000] indikat fir-raba' talba huwa proprju l-meritu ta' kawza ohra li ghadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta], bejn l-istess kontendenti."

**21.** Fir-rigward, il-Qorti tosserva li jirrizulta manifest mill-provi li s-somma ta' hamest elef lira antika (Lm5,000) dovuta mill-konvenuti lill-iskola attrici hija regolata bil-klawsola 9 tal-ftehim tat-3 ta' Frar 1997, u, kif *del resto*, indikat fir-raba' talba attrici, din ghandha tithallas mill-konvenuti fuq medda ta' perjodu ta' hames (5) snin dekorribbli minn meta johrog il-kont finali tal-Perit Torpiano.

**22.** Illi, tenut kont ta' dak mitlub mill-attrici fl-att tac-citazzjoni, l-ewwel Qorti ma setghetx tordna l-hlas ta' izjed mill-pagament ta' elf lira antika (Lm1,000) li fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni kien sar dovut.

**23.** Ghaldaqstant dan l-ewwel aggravju huwa fondat u ser jigi akkolt.

*It-tieni aggravju*

**24.** Dan l-aggravju hu fis-sens li l-ewwel Qorti kellha taghmel tpacija bejn dak li hu dovut mill-konvenuti lill-attrici, kemm bhala spejjez ta’ xoghlijiet li saru, kif ukoll bhala penali.

**25.** L-Artikolu 1196 jghid hekk:

“[1] Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpacija.

“[2] It-tapacija ssir ipso jure, u wkoll minghajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikun jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, inqatlu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu ndaqs.”

**26.** L-Artikolu 1197, fil-parti relevanti tieghu, jghid hekk:

“[1] It-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta’ flus .......u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu.

“[2] Id-dejn hu likwidu meta hu certu ukoll f’ dik li hija kwantita’.”

**27.** Illi fl-ewwel lok, jigi osservat li l-konvenuti ma prezentaw ebda kontro-talba diretta sabiex din il-Qorti tikkanonizza l-krediti minnhom allegati, kif ukoll il-penalitajiet dovuti. Fin-nota tal-eccezzjonijiet taghhom, huma llimitaw ruhhom ghall-pretenzjoni li l-azzjoni odjerna kienet intempestiva, li x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti, u li hija dovuta l-penali stante li x-xoghlijiet ma sarux fit-termini pattwiti.

**28.** Dwar it-tieni aggravju, u limitatament ghall-ispejjez inkorsi mill-konvenuti, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti, li ma tistax issir tpacija peress li dak pretiz mill-konvenuti huwa kontestat, u ghalhekk huma inapplikabbli l-artikoli fuq citati.

**29.** Izda fir-rigward din il-Qorti xorta wahda tikkunsidra opportuni s-segwenti osservazzjonijiet ta’ natura fattwali.

**30.** [a] Dwar l-izball matematiku allegat mill-konvenuti fil-kont tal-Perit Torpiano, li allura jirriduci s-somma ta' hamest elef, mitejn u tnejn u ghoxrin liri antiki u tnejn u tletin centezmi (Lm5,222.32) dovuta mill-konvenuta ghal erbat elef, seba' mija u sitt liri antiki u hamsin centezmu (Lm4,706.50), il-Qorti tosserva li ma tressqux provi sufficjenti in sostenn ta' dan l-aggravju. Gie prezentat biss prospett mill-konvenuta Mary Mallia, minghajr sostenn ta' provi ulterjuri.

**31.** [b] Dwar is-somma ta' mitejn u hamsa u sittin lira antika (Lm265) pretiza mill-konvenuti, il-Qorti tosserva li, fil-klawsola numru 8 tal-ftehim tat-3 ta' Frar 1995 li ghaliha saret referenza fil-parti relattiva tal-aggravju, ghalkemm hemm indikat kjarament li l-iskola attrici ghandha thallas lill-konvenut is-somma ta' mitejn u hamsa u sittin lira antika (Lm265), ma jirrizultax sodisfacentement provat li din ghadha dovuta. Ghalhekk mhumiex applikabbli l-artikoli precitati.

**32.** [c] Dwar is-somma ta' tlett elef, mitejn u tnejn u sebghin lira antika u wiehed u sittin centezmu (Lm3,272.61) rapprezentanti spejjez maghmula mill-konvenuti ghall-istallazzjoni tas-servizzi utilitarji u li kellhom jithallsu mill-attrici, skont il-klawsola C [iv] tal-ftehim tas-16 ta' Ottubru 1995, il-Qorti tosserva li, ghalkemm jirrizulta li dawn l-ispejjez huma a karigu tal-attrici, hija mankanti l-prova sodisfacenti dwar il-*quantum* taghhom. Ghalhekk anke fir-rigward ta' din il-pretenzjoni tal-konvenuti l-imsemmi artikoli huma inapplikabbli.

**33.** Illi rigward il-penali, is-sitwazzjoni fattwali u legali hija differenti minn dik tal-ispejjez fuq reklamati. Mill-provi jirrizulta ammess mill-Perit Torpiano li x-xoghlijiet relattivi ghall-kostruzzjoni tal-access kienu tlestew kollha sat-30 ta' Novembru 1997, filwaqt li l-kont finali hareg fid-29 ta' Jannar 1998. Fl-affidavit taghha Mary Mallia, tikkonferma li r-razzett, li kellu jitlesta sat-8 ta' Gunju 1997[3], fil-fatt tlesta fid-29 ta' Awwissu 1997, filwaqt li l-*fence* li kellu

[3] Skont il-ftehim tat-3 ta' Frar 1997

jitlesta sat-8 ta’ Awwissu 1997[4] tlesta fl-14 ta’ Jannar 1998.

**34.** Dwar it-tpacija tal-penali dovuti, l-ewwel Qorti osservat hekk:

“... … f’dan il-kaz il-penali ghad-dewmien ma jistghux jigu eccepiti bhala tpacija ghaliex ma kienux likwidi meta bdiet il-kawza u ebda somma preciza ma giet eccepita fl-eccezzjonijiet.”[5]

**35.** In tema legali huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet dwar il-kuncett tat-tpacija fil-ligi taghna.

Illi sabiex topera t-tpacija jehtieg li jikkonkorru s-segwenti fatturi: li jkun hemm zewgt idjun fl-istess waqt, anke jekk mhux fl-istess qies jew ammont; li dawn id-djun jirreferu ghal tnejn min-nies li huma debitur u kreditur reciprokament ta’ xuxlin; li jkollhom bhala oggett il-hlas ta’ flus jew haga ohra fungibbli; li jkunu gew likwidati jew facilment likwidabbili; li jkunu certi wkoll f’dik li hija kwantita`; u li d-djun ikunu dovuti jew jistghu jintalbu. Inoltre, jinsab ritenut ukoll fil-gurisprudenza patria li t-tpacija ma tistax issehh dwar krediti li ma jkunux ammessi jew li l-ammont taghhom ikun kontestat [ara fost ohrajn App.C **Giuseppe Schembri v. Giuseppa Chircop** deciza 14 Jannar 1955; PA **Anthony Calleja v. Joseph Debono** deciza 1 Frar 1964; App.C **Onor.Carm Lino Spiteri v. Director of Public Works** deciza 25 Jannar 1998; Q.Kum. **Avukat John Mamo v. Edward Borg** deciza 1 Gunju 1990; PA **Joseph Borg noe v. Norman Buckle** deciza 12 Dicembru 2002; u App.**Perit Vincent Cassar v. Nicholas Debono** deciza 22 Marzu 2005].

**36.** L-eccezzjoni relattiva taqra hekk:

“[5] Inoltre x-xoghol ma tlestiex fit-terminu miftiehem u ghalhekk hija dovuta l-penali kontemplata fl-istess ftehim

[4] Skont il-ftehim tas-16 ta’ Ottubru 1995
[5] Sent. Pga.6

ta’ appalt, liema penali ghandha titnaqqas mill-ammont li jista’ jigi likwidat bhala dovut.”

**37.** Fil-meritu, il-Qorti tosserva li d-dati relattivi ghall-kostruzzjoni tar-razzett jirrizultaw provati, fis-sens li mill-ftehim tat-3 ta’ Frar 1997 johrog car li din il-kostruzzjoni kellha titlesta sa mhux aktar tard mit-8 ta’ Gunju 1997, u li mix-xhieda kemm tal-Perit Torpiano, xhud principali tal-attrici, kif ukoll mix-xhieda tal-konvenuti jirrizulta li r-razzett kien fil-fatt tlesta fl-ahhar ta’ Awwissu 1997. Ghalhekk fir-rigward tal-ftehim dwar ir-razzett, tirrizulta certa l-ezistenza tal-penali, u li din hija facilment likwidabbli, b’ezercizzju semplici ta’ matematika. Dawn il-fatturi kienu jezistu qabel ma giet prezentata c-citazzjoni, u filwaqt li t-tpacija f’dan ir-rigward kienet tifforma wahda mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti, din qatt ma giet kontestata hlief fir-risposta tal-attrici ghall-appell tal-konvenuti.

**38.** Ghalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel mal-osservazzjoni tal-ewwel Qorti li t-tpacjia f’dan ir-rigward ma setghetx issehh ghaliex il-penali ma kinitx likwida meta bdiet il-kawza, u ghax ma kien gie ndikat ebda ammont fin-nota tal-eccezzjonijiet. Din il-Qorti tosserva li hekk kif gie ammess li x-xoghol tlesta tardivament mid-data pattwita, u hekk kif irrizulta li l-partijiet kienu konkordi dwar meta tlesta x-xoghol; allura l-hlas tal-penali sar dovut, u ma hemm xejn x’jista legalment jostakola milli l-ammont tal-penali jitnaqqas mill-kreditu pretiz mill-atturi u kanonizzat mill-ewwel Qorti.

**39.** Dwar l-ammont ta’ din il-penali ta’ ghoxrin lira antika (Lm20) kuljum, mill-provi jirrizulta car li din hija dovuta, u wkoll li hi facilment likwidabbli fl-ammont ta’ elf, sitta u erbghin liri antiki (Lm1,640)[6]. Ghalhekk legalment it-tpacija f’dan ir-rigward hija applikabbli, u dan l-ammont ghandu jitnaqqas mill-ammont ta’ hamest elef, mitejn u hamsa u ghoxrin liri antiki u tnejn u tletin centezmi (Lm5,225.32) dovuti mill-konvenuti lill-atturi tax-xoghlijiet addizzjonali li saru skont il-ftehim tat-3 ta’ Frar 1997.

---

[6] 82 granet x LM20 [8 Gunju 1997 sa 29 Awwissu 1997]

**40.** Fir-rigward tal-kostruzzjoni tal-*fence*, l-ammont tal-penali mhijiex facilment likwidabbli, ghax jonqos il-prova certa tal-element tad-data minn meta bdiet tiddekorri, kif ukoll ta' meta fil-fatt tlesta x-xoghol. Il-ftehim relevanti huwa dak tas-16 ta' Ottubru 1996, u senjatament il-klawsola C [ii] li fil-parti relevanti tghid hekk:

"... dan il-fence ghandu jitlesta sa mhux aktar tard minn sena mid-data li johrog il-permess ghall-izvilupp full ghar-rilokazzjoni imsemmija, jew sentejn mid-data ta' din l-iskrittura skond liema data tkun l-ewwel. Fin-nuqqas, l-Iskola ghandha thallas lill-inkwilini penali ta' ghaxar lira [LM10] kuljum b' dan illi l-ammont totali tal-penali li tista' tkun obbligatra li thallas l-Iskola that dan il-paragrafu .... ma jkunx aktar minn hamest-elef lira maltin [LM5,000]."

**41.** Il-provi fir-rigward huma kontrastanti, ghax filwaqt li l-Perit Torpiano jghid li l-*fence* tlesta *"ftit wara Awissu, jigifieri ghall-habta ta' Ottubru, Novembru 1997"*[7], il-konvenuti min-naha taghhom isostnu li dan fil-fatt tlesta' fl-14 ta' Jannar 1998. Ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi, ma jistax validament jinghad li dan id-debitu pretiz huwa likwidu jew ta' likwidazzjoni facli. Ghaldaqstant it-tpacija ma tistax issehh.

**42.** Ghalhekk dan l-aggravju huwa gustifikat limitatament ghall-konsiderazzjonijiet premessi, u ghall-ammont ta' elf, sitt mija u erbghin lira antika (Lm1,640).

**<u>L-Appell Incidentali [tal-Attrici]</u>**

**43.** Dan hu bbazat fuq l-aggravju li l-ewwel Qorti ma kellhiex tnaqqas mill-ammont ta' hamest elef mitejn u hamsa u ghoxrin lira antika u tnejn u tletin centezmi (Lm5,225.32), l-ammont ta' elf, tmien mija u sebgha u sebghin liri antiki u tmenin centezmi (Lm1,877.80) rapprezentanti valur approssimattiv ta' hamrija li l-kuntrattur, inkarigat mill-Iskola sabiex jispostja l-hamrija

[7] Fol.150

ghal fuq il-parti tal-art, miftehma mill-partijiet, izda, minflok ghamel hekk, hadha fuq lant iehor.

**44.** L-attrici ssostni li [1] ma ngabux provi sodisfacenti fir-rigward, [2] ma saret ebda kontro-talba, u [3] ghall-allegat serq [jew approprijazzjoni ndebita] kommess mill-kuntrattur, ma kellhomx jirrispondu huma, izda kellu jirrispondi l-kuntrattur personalment.

**45.** Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm mill-provi jirrizulta li l-kuntrattur inkarigat mill-Iskola ghamel xi vjaggi bil-hamrija tal-konvenuti fuq lant ta' terzi, kif jirrizulta anke mix-xhieda tal-Perit Torpiano[8], izda ma rrizultax car mill-provi dwar kemm ittiehdet hamrija, jew kemm hallsu l-konvenuti sabiex ghamlu tajjeb ghal-dan il-misfatt. Fi kliem iehor, il-provi dwar l-kwantita` mehuda u l-valur tal-istess huma skarsi, u ghalhekk ma jikkonkorrux l-elementi necessarji li legalment jaghtu lok ghat-tpacija kif ghamlet l-ewwel Qorti.

**46.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat u qed jigi milqugh.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi tilqa' <u>l-appell principali</u> tal-konvenuti limitatament kif ser jinghad: tirriforma s-sentenza appellata u tirrevokaha fejn ikkundannat lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' hamest elef liri antiki (Lm5,000) [illum hdax-il elf, sitt mija u hamsin Euro (€11,650)]; tordna li mill-ammont ta' hamest elef, mitejn u hamsa u ghoxrin liri antiki u tnejn u tletin centezmi (Lm5,225.32) [illum tnax-il elf, mija u hamsa u sebghin Euro (€12,175)] dovuti mill-konvenuti lill-attrici, jitnaqqas l-ammont ta' elf, sitt mija u erbghin liri antiki (Lm1,640) [illum tlett elef, tmien mija u wiehed u ghoxrin Euro (€3,821)] u billi l-ammont ta' din it-tpacija jeccedi s-somma mitluba ta' elf Lira ma hux il-kaz li ssir f'dan l-istadju kundanna ghall-hlas.

---

[8] Fol.153

Tilqa’ <u>l-appell incidentali</u> tal-atturi, u konsegwenzjalment tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha f’dik il-parti fejn naqqset is-somma ta’ elf, tmien mija u sebgha u sebghin liri antiki u tmenin centezmu (Lm1,877.80) [illum erbat elef, tliet mija u hamsa u sebghin Euro u erbgha u ghoxrin centezmi (€4,375.24)] mill-ammont ta’ hames elef, mitejn u hamsa u ghoxrin liri antiki u tnejn u tletin centezmi (Lm5,225.32) [illum tnax-il elf, mija u hamsa u sebghin Euro (€12,175)] dovut mill-konvenuti lill-atturi.
Tikkonferma s-sentenza ghal bqija.

L-ispejjez relatati mal-ewwel istanza ghandhom jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk relatati mal-appell principali ghandhom jigu sopportati inkwantu ghal-terz [$^{1}/_{3}$] mill-attrici u zewg terzi [$^{2}/_{3}$] mill-konvenuti; dawk tal-appell incidentali ghandhom jithallsu kollha mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------